

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

C 82 A



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

16 ta' Marzu 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V Avviżi

#### PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

#### L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)

2011/C 82 A/01

Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/206/11 (AD 5) u EPSO/AD/207/11 (AD 7) ..... 1

Prezz: EUR 3



V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL  
(EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI EPSO/AD/206/11 (AD 5) U EPSO/AD/207/11 (AD 7)

(2011/C 82 A/01)

**Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?****Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?****Mela applika.****Agħti lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi.**

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinholq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (\*).

EPSO/AD/206/11 (AD 5) U EPSO/AD/207/11 (AD 7)

Amministraturi fl-oqsma li ġejjin:

1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA
2. LIĠI
3. EKONOMIJA
4. AWDITJAR
5. FINANZI
6. STATISTIKA

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jitfasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 184 A tat-8 ta' Lulju 2010 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.**

**Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.**

(\*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

## WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET
- III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJET TAD-DĦUL
- V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI
- VI. LISTI TA' RIŻERVA
- VII. KIF TAPPLIKA?

## I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati li jikkwalifikaw skont il-kompetizzjoni u skont il-qasam	AD 5	AD 7
1 =	49	25
2 =	17	10
3 =	30	11
4 =	45	17
5 =	48	16
6 =	37	15

  

2. Kummenti	<p>Dan l-avviż huwa rigward żewġ kompetizzjonijiet, li t-tnejn li huma jinkludu diversi oqsma. Int tista' tapplika għal kompetizzjoni waħda u qasam wieħed biss.</p> <p>Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.</p> <p>Madankollu, jekk inti tkun ksibt wieħed mill-aħjar riżultati fit-testijiet ta' aċċess, meħuda flimkien, għall-kompetizzjoni tal-grad AD 7, iżda ma tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ta' din il-kompetizzjoni, il-bord tal-għażla jista', jekk inti taqbel, jassenja mill-ġdid il-kandidatura tiegħek għall-kompetizzjoni tal-grad AD 5 fl-istess qasam, bil-kundizzjoni li inti tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal din il-kompetizzjoni.</p> <p><b>Dan l-assenjar mill-ġdid iseħħ biss qabel l-istedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni u fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek fl-applikazzjoni elettronika.</b></p> <p>F'dan il-każ, ir-riżultati tiegħek jitqabblu ma' dawk tal-kandidati għall-kompetizzjoni tal-livell AD 5 u, jekk inti tkun fost dawk li jkunu kisbu l-aħjar riżultati fit-testijiet ta' aċċess għal din il-kompetizzjoni (fil-qasam magħżul), inti tiġi mistieden għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.</p>	
-------------	---	--

## II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET

**AD 5** huwa l-grad li fih il-kandidati magħżula jidħlu f'karriera ta' amministratur fl-Istituzzjonijiet Ewropej. L-amministraturi impjegati f'dan il-grad jistgħu jwettqu taħt superviżjoni, tliet tipi ewlenin ta' xogħol fl-istituzzjonijiet: tfassil tal-politika, funzjoni operattiva u ġestjoni tar-riżorsi. Aħna qed infittxu partikolarment kandidati b'potenzjal ta' żvilupp fil-karriera.

**Grad AD 7**

L-amministraturi impjegati f'dan il-grad jistgħu, aparti x-xogħol deskritt għall-grad AD 5, ikunu meħtieġa jwettqu funzjonijiet ta' koordinazzjoni ta' ħidma ma' persuni oħra u ta' superviżjoni tax-xogħol.

Deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma differenti tinsab fl-anness.

Il-profil ġenerali tal-kandidati mfittex mill-istituzzjonijiet huwa spjegat fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

### III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

**Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika** <sup>(1)</sup>, int għandek tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

#### 1. Kundizzjonijiet ġenerali

- (a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- (b) Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
- (c) Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari.
- (d) Tipproduċi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li juru li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti.

#### 2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	<p><b>Kwalifiki</b></p> <p>Ara l-punt 2 tal-anness</p>																								
2.2.	<p><b>Esperjenza professjonali</b></p> <p>Ara l-punt 3 tal-anness</p>																								
2.3.	<p><b>Għarfien lingwistiku</b></p> <p><b>Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:</b></p> <table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td>BG (il-Bulgaru)</td> <td>FI (il-Finlandiż)</td> <td>NL (l-Olandiż)</td> </tr> <tr> <td>CS (iċ-Ċek)</td> <td>FR (il-Franċiż)</td> <td>PL (il-Pollakk)</td> </tr> <tr> <td>DA (id-Daniż)</td> <td>GA (l-Irlandiż)</td> <td>PT (il-Portugiż)</td> </tr> <tr> <td>DE (il-Ġermaniż)</td> <td>HU (l-Ungeriz)</td> <td>RO (ir-Rumen)</td> </tr> <tr> <td>EL (il-Grieg)</td> <td>IT (it-Taljan)</td> <td>SK (is-Slovakk)</td> </tr> <tr> <td>EN (l-Ingliż)</td> <td>LT (il-Litwan)</td> <td>SL (is-Sloven)</td> </tr> <tr> <td>ES (l-Ispanjol)</td> <td>LV (il-Latvjan)</td> <td>SV (l-Isvediz)</td> </tr> <tr> <td>ET (l-Estonjan)</td> <td>MT (il-Malti)</td> <td></td> </tr> </table>	BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)	CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)	DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)	DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriz)	RO (ir-Rumen)	EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)	EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)	ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediz)	ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)	
BG (il-Bulgaru)	FI (il-Finlandiż)	NL (l-Olandiż)																							
CS (iċ-Ċek)	FR (il-Franċiż)	PL (il-Pollakk)																							
DA (id-Daniż)	GA (l-Irlandiż)	PT (il-Portugiż)																							
DE (il-Ġermaniż)	HU (l-Ungeriż)	RO (ir-Rumen)																							
EL (il-Grieg)	IT (it-Taljan)	SK (is-Slovakk)																							
EN (l-Ingliż)	LT (il-Litwan)	SL (is-Sloven)																							
ES (l-Ispanjol)	LV (il-Latvjan)	SV (l-Isvediż)																							
ET (l-Estonjan)	MT (il-Malti)																								
(a) Lingwa 1	<p><b>Lingwa prinċipali:</b></p> <p>għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</p>																								
u																									
(b) Lingwa 2	<p><b>It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1):</b></p> <p>għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliż jew il-Franċiż</p>																								

(<sup>1</sup>) Issir eċċezzjoni għad-diplomi tal-kandidati li jinsabu fl-aħħar sena tal-istudji universitarji (ara l-punt 2 tal-anness).

## IV. TESTIJET TAD-DĦUL

1. Int se tkun mistieden għat-testijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— jekk tkun <b>ivvalidajt</b> l-applikazzjoni tiegħek sad-data ta' għeluq imsemmija fit-titolu VII; dawk il-kandidati biss li jkunu vvalidaw l-applikazzjoni sad-data ta' għeluq se jkunu mistiedna biex jirriżervaw id-data għat-testijiet ta' dħul u din d-data ta' għeluq se tkun notifikata minn EPSO.</li> <li>— jekk tkun <b>irriżervajt</b> id-data tat-testijiet tiegħek qabel id-data ta' għeluq notifikata minn EPSO.</li> <li>— jekk, waqt l-applikazzjoni elettronika, <b>tkun iddikjarajt li tissodisfa</b> l-kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-titolu III.</li> </ul>	
2. Deskrizzjoni u marki tat-testijiet	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-ħiliet u l-kompetenzi ġenerali fir-rigward ta':	
Test a)	ir-raġunament verbali	marki: 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti
Test b)	ir-raġunament numeriku	marki: 0 sa 10 punti
Test c)	ir-raġunament astratt	marki: 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) flimkien huwa ta' 10 punti
Test d)	Il-valutazzjoni sitwazzjonali	marki: 0 sa 40 punt minimu meħtieġ: 24 punt
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1: testijiet a), b) u c) Lingwa 2: test d)	

## V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

1. Int se tkun ammess* għaċ-ċentru ta' valutazzjoni jekk	<ul style="list-style-type: none"> <li>— tkun <sup>(?)</sup> ksibt waħda mill-aħjar marki <sup>(?)</sup> għat-testijiet kollha tad-dħul,</li> <li>— tkun ksibt il-minimu meħtieġ fit-testijiet,</li> <li>— <b>skont id-dikjarazzjonijiet tiegħek fl-applikazzjoni elettronika</b>, tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-titolu III.</li> </ul> <p>(*) <b>L-ammissjoni</b> se tkun ikkonfermata bil-kundizzjoni ta' verifika ulterjuri tad-dokumenti ta' prova mehmuża mal-fajl tiegħek. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jisodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u li jkunu kisbu l-aħjar marki fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu eżaminati, f'ordni dixxendenti, sakemm jintlaħaq in-numru tal-kandidati li jikkwalifikaw indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni.</p> <p>Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li ġew ikklassifikati '1 isfel minn dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.</p>	
--	--	--

<sup>(?)</sup> Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

<sup>(\*)</sup> In-numru tal-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, għal kull kompetizzjoni u kull qasam, jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal tliet darbiet in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjonijiet u se jkun ippublikat fuq il-websajt tal-Internet tal-EPSO ([www.eu-careers.eu](http://www.eu-careers.eu)) qabel il-fażi ta' ammissjoni.

<p><b>2. Ċentru ta' evalwazzjoni</b></p>	<p>Int se tkun mistieden tipparteċipa fl-istudju tal-każ fil-qasam magħżul (*) u għal elementi oħra fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju se jsiru fi Brussell jew fil-Lussemburgu u li jdumu jum jew jum u nofs. Int se tkun evalwat fuq il-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam li tkun għażilt kif ukoll dwar dawn il-kompetenzi ġenerali:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— <b>Analiżi u soluzzjoni tal-problemi</b></li> <li>— <b>Komunikazzjoni</b></li> <li>— <b>Kwalità u riżultati</b></li> <li>— <b>Tagħlim u żvilupp</b></li> <li>— <b>Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni</b></li> <li>— <b>Perseveranza</b></li> <li>— <b>Ħidma ma' persuna oħra</b></li> <li>— <b>Tmexxija</b></li> </ul> <p>Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-detall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.</p> <p>Dawn il-kompetenzi se jiġu eżaminati permezz tal-elementi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) studju tal-każ fil-qasam magħżul</li> <li>(b) eżerċizzju fi grupp</li> <li>(c) preżentazzjoni orali</li> <li>(d) intervista strutturata</li> </ul>
<p><b>3. Lingwa taċ-ċentru ta' evalwazzjoni</b></p>	<p>Lingwa 2</p>
<p><b>4. Marki</b></p>	<p><b>Kompetenzi speċifiċi fil-qasam magħżul</b></p> <p>minn 0 sa 20 punt</p> <p>minimu meħtieġ: 10 punti</p> <p><b>Kompetenzi ġenerali</b></p> <p>minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali</p> <p>minimu meħtieġ:</p> <p>3 punti għal kull kompetenza</p> <p>50 punt minn 80 għat-8 kompetenzi ġenerali kollha</p>

## VI. LISTI TA' RIŻERVA

<p><b>1. Kandidati li jiddaħlu fil-listi ta' riżerva</b></p>	<p>Il-bord tal-għażla jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva, jekk int tkun (°) wieħed mill-kandidati li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fl-eżamijiet ta' evalwazzjoni kollha (ara l-għadd ta' kandidati li jikkwalifikaw, taqsima I.1) <b>u jekk, skont id-dokumenti ta' prova tiegħek</b>, int tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.</p>
<p><b>2. Klassifika</b></p>	<p>Il-listi huma stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u skont l-ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.</p>

(\*) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet ta' raġunament jistgħu jsiru fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement minn provi oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

(°) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati jkunu ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

## VII. KIF TAPPLIKA?

<b>1. Applikazzjoni elettronika</b>	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq is-sit tal-Internet tal-EPPO. <b>Data ta' għeluq (konferma inkluża): 1-14 ta' April 2011 f'12:00 (nofsinhar),</b> ħin ta' Brussell
<b>2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni</b>	<b>F'fażi ulterjuri,</b> jekk int tkun wieħed mill-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, se tkun mistieden tibgħat fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata u dokumenti ta' prova). <b>Data ta' għeluq:</b> Int se tiġi informat bid-data tal-għeluq, fi żmien xieraq, permezz tal-profil tiegħek tal-EPPO. <b>Proċedura:</b> ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.



## ANNEX

## 1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

## 1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-kontroll tal-programmi u l-pjanijiet ta' azzjoni;
- il-ġestjoni ta' riżorsi, b'mod speċjali l-persunal, il-finanzi u t-tagħmir;
- l-assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- it-tfassil ta' aġġornamenti ta' analiżi ta' politika;
- il-komunikazzjoni esterna kif ukoll r-rappurtar u l-komunikazzjoni interna;
- il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi u l-istituzzjonijiet, kif ukoll r-relazzjonijiet ma' partijiet interes-sati esterni.

## 2. Kwalifiki

**Grad AD 5**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu d-diploma tagħhom sal-31 ta' Lulju 2011.**

**Grad AD 7**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar iċċertifikati b'diploma.

**Jew**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

## 3. Esperjenza professjonali

**Grad AD 5**

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

**Grad AD 7**

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

## 2. LIĠI

### 1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-liġi huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom, jipprovdu konsulenza u pariri legali lill-unitajiet ta' ġestjoni u/jew operattivi fi ħdan id-dipartiment tagħhom, filwaqt li jiżguraw konformità mal-liġi Ewropea u nazzjonali.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- l-assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- l-analiżi, ir-riċerka, il-pariri u l-assistenza fil-qasam legali kif ukoll is-supervizzjoni ta' kwistjonijiet legali;
- it-tfassil ta' dokumenti legali;
- ir-rappurtar u l-komunikazzjoni interna dwar kwistjonijiet legali;
- il-koordinazzjoni mad-dipartimenti l-oħra u l-konsultazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet legali;
- il-ġestjoni ta' riżorsi, b'mod speċjali l-persunal, il-finanzi u t-tagħmir;
- it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-kontroll tal-programmi u l-pjanijiet ta' azzjoni.

### 2. Kwalifiki

#### Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fil-liġi.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011.**

#### Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar, iċċertifikati b'diploma fil-liġi.

#### Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

### 3. Esperjenza professjonali

#### Grad AD 5

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

#### Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

### 3. EKONOMIJA

#### 1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-ekonomija huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew entità tagħhom, jipprovdu analiżi ekonomika u/jew statistika meħtieġa għall-bidu, żvilupp, ġestjoni u/jew evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- l-assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- l-analiżi strateġika kif ukoll id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-metodi ta' analiżi u ta' studji tal-politika, b'mod speċjali l-metodi empiriċi fil-qasam tal-ekonomija;
- l-analiżi u t-tfassil tal-politiki ekonomiċi fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, ir-riformi strutturali (inkluż is-suq tax-xogħol), il-munita unika, is-swieg u l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-integrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż u l-kummerċ internazzjonali fil-qasam istituzzjonali mogħti mit-Trattat;
- il-komunikazzjoni esterna relatata mal-politika kif ukoll ir-rappurtar u l-komunikazzjoni interni;
- ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE u dipartimenti interni oħra kif ukoll ir-relazzjonijiet ma' partijiet interessati esterni, u r-relazzjonijiet mal-Istati Membri;
- il-koordinazzjoni mad-dipartimenti l-oħra u l-konsultazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' politika;
- il-valutazzjoni tal-impatt u tar-riskji;
- it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-kontroll tal-programmi u l-pjanijiet ta' azzjoni;
- il-koordinazzjoni ta' gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Istati membri, l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati esterni;
- il-ġestjoni ta' riżorsi, b'mod speċjali l-persunal, il-finanzi u t-tagħmir.

#### 2. Kwalifiki

##### Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fl-ekonomija.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sal-31 ta' Lulju 2011.**

##### Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar iċċertifikati b'diploma fl-ekonomija.

##### Jew

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'raba man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

#### 3. Esperjenza professjonali

##### Grad AD 5

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

**Grad AD 7**

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

**4. AWDITJAR****1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-awditjar huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom.

Huma jkunu mitluba wkoll biex jaħdmu f'oqsma bħall-awditjar finanzjarju, tal-prestazzjoni u dik interna. Dawn l-awdituri jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni u ta' konsulenza fl-oqsma operattivi kollha tal-Unjoni Ewropea bl-għan li jtejbu l-governanza u l-ġestjoni. Dan jista' jinvolti operazzjonijiet fis-27 Stat Membru kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- l-awditjar estern, l-awditjar finanzjarju kif ukoll l-eżaminazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tajba, inklużi l-implimentazzjoni u r-rappurtar;
- il-kontroll u l-ispezzjonijiet esterni, it-titjib ta' sistemi ta' kontroll;
- l-awditjar intern, l-appoġġ metodoloġiku, il-konsulenza u t-taħriġ;
- il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi dwar kwistjonijiet tal-awditjar;
- l-informazzjoni u l-konsulenza dwar kwistjonijiet tal-awditjar.

**2. Kwalifiki****Grad AD 5**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin, iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti relevanti ma' dawk il-funzjonijiet.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sal-31 ta' Lulju 2011.**

**Grad AD 7**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti relevanti ma' dawk il-funzjonijiet.

**Jew**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti relevanti ma' dawk il-funzjonijiet, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

Jekk jogħġbok kun af li jista' jkollok b'zonn tagħti prova ċara tas-suġġetti studjati sabiex ikun iktar faċli għall-bord tal-għażla biex jivvaluta jekk il-kwalifiki humiex rilevanti.

### 3. Esperjenza professjonali

#### Grad AD 5

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

#### Grad AD 7

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

## 5. FINANZI

### 1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-finanzi huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom.

Huma jkunu mitluba wkoll biex jaħdmu f'oqsma bħall-proċeduri finanzjarji, baġitarji, it-tfassil ta' rapporti u ta' kontijiet annwali u ta' diversi xogħlijiet ta' awditjar.

Dawn l-aġenti jipprovdu lid-dipartimenti l-informazzjoni neċessarja biex jistabbilixxu l-informazzjoni finanzjarja jew biex jikkontrollaw il-ġestjoni u jiżguraw il-preżentazzjoni tal-kontijiet fl-oqsma operattivi kollha tal-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li jtebju l-governanza u l-ġestjoni. Dan jista' jinvolvi operazzjonijiet fis-27 Stat Membru kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Id-dmirijiet ewlenin tagħhom, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- il-kontroll u l-ispezzjonijiet esterni, it-titjib ta' sistemi ta' kontroll;
- is-segwitu tal-proċeduri finanzjarji u baġitarji (kreditu, impenji, pagamenti);
- il-parteċipazzjoni fl-elaborazzjoni tal-previżjonijiet baġitarji u t-tfassil ta' rapporti u kontijiet annwali;
- il-ġestjoni tar-riskji tal-organizzazzjoni, operattivi, strateġiċi, soċjali, ġuridiċi, politiċi u ambjentali;
- l-assigurazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet;
- l-użu tar-riżorsi b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja;
- diversi xogħlijiet ta' awditjar estern, intern u ta' konsulenza;
- l-iżgurar li t-tranżazzjonijiet finanzjarji jkunu kodifikati b'mod korrett u segwiti fis-sistemi finanzjarji/ta' kontabiltà.

### 2. Kwalifiki

#### Grad AD 5

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sal-31 ta' Lulju 2011.**

#### Grad AD 7

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar iċċertifikati b'diploma b'rapport man-natura tal-funzjonijiet.

**Jew**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

**3. Esperjenza professjonali****Grad AD 5**

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

**Grad AD 7**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija relevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

**6. STATISTIKA****1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-istatistika jikkontribwixxi għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm ta' statistika fl-oqsma ta' metodoloġija ta' statistika, ġestjoni tad-dejta u analiżi tad-dejta tal-istatistika, attivitajiet regolatorji u ta' koordinazzjoni fl-oqsma ta' statistika, disseminazzjoni tal-informazzjoni tal-istatistika u ġestjoni ta' proġetti/proċessi ta' statistika.

Id-dmirijiet ewlenin involuti jinkludu:

- ħidma fuq il-metodoloġija ġenerali ta' statistika, inklużi l-metodi matematiċi għall-istatistiċi uffiċjali;
- ħidma fl-oqsma tal-istatistiki ekonomiċi u finanzjarji, statistiki soċjali, statistiki agrikoli u ambjentali, sistemi ta' kontabbiltà ta' statistika;
- analiżi tad-domanda u l-użu tad-dejta u l-indikaturi tal-istatistika, it-tfassil u l-ġestjoni tal-proġetti u l-proċessi;
- definizzjoni tal-oġettivi u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-ġabra, trattament, analiżi u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni tal-istatistika, u t-titjib tal-kwalità;
- analiżi ta' validazzjoni, kwantitattiva u kwalitattiva tad-dejta tal-istatistika;
- l-immudellar statistiku u ekonometriku;
- analiżi kwantitattiva, b'mod partikolari l-analiżi soċjometrika u ekonometrika.

Dawn il-funzjonijiet jeħtieġu l-kapaċità ta' ħidma f'oqsma trażversali, kif ukoll hilit tajbin ta' komunikazzjoni u ta' ffas-sil.

**2. Kwalifiki****Grad AD 5**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fl-istatistika, fl-ekonomija, fil-matematika jew f'dixxiplina oħra b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

**L-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji universitarji jistgħu jipparteċipaw għall-kompetizzjoni sakemm ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom sal-31 ta' Lulju 2011.**

**Grad AD 7**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' erba' snin jew iktar iċċertifikati b'diploma fl-istatistika, fl-ekonomija, fil-matematika jew f'dixxiplina oħra b'rabta mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

**Jew**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fl-istatistika, fl-ekonomija, fil-matematika jew f'dixxiplina oħra b'rabta man-natura tal-funzjonijiet, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

**NB:** L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena hija parti integrali tad-diploma u ma tistax tittieħed inkonsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

Jekk jogħġbok kun af li jista' jkollok bżonn taġti prova ċara tas-suġġetti studjati sabiex ikun iktar faċli għall-bord tal-għażla biex jivvaluta jekk il-kwalifiki humiex rilevanti.

**3. Esperjenza professjonali****Grad AD 5**

L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

**Grad AD 7**

Esperjenza professjonali ta' livell universitarju ta' mill-inqas sitt snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara d-diploma li taġti aċċess għall-kompetizzjoni.

---









## REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

19	(PL)
24	
35	(DE/EN/FR)
37	(PL/RO)
60	
68	
76	(DE/EN/FR)
82	

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

